# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Ġunju 2025**

**Numru 7**

**Rikors Numru 1124/2021**

**Josef Borg (K.I. nru. 578391 (M))**
**vs**
**Hagen Azzopardi (K.I. nru. 405193M)) u b'digriet tas-16 ta' Frar 2023 ġiet intervenuta fil-kawża s-soċjeta' Elmo Insurance Ltd**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Josef Borg (l-Attur) tas-16 ta' Novembru 2021 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Fis-7 ta` Lulju 2019, ir-rikorrenti Josef Borg safa imtajjar mill-vettura li kienet misjuqa mill-imħarrek Hagen Azzopardi, liema vettura kienet iġorr il-pjanċi tar-reġistrazzjoni bin-numru pjanċi ` HAG 029`, tal- għamla VW Golf. Dan -inċident stradali seħħ ġewwa fi ` Triq Misrah iż-Zgħazagħ, Hal-Luqa (**Dok.`A`).**

2. Sussegwentament, u in vista ta` dan l-inċident, l-intimat ġie imressaq taħt arrest u mixli quddiem il-Qorti, bi proċeduri kriminali (fl-ismijiet ` Il-Puluzija (Spettur Paul Camilleri) vs Hagen Azzopardi) Sal preżentata ta` dan ir-rikors dawn il-proċeduri għadhom pendent (**Dok. `B`).**

3. Dan l-inċident seħħ unikament b` tort tal-imħarrek Hagen Azzopardi li bi hsieb li jagħmel deni fuq ir-rikorrenti , jew inkella b` nuqqas ta` diliġenża, ta` prudenza jew ta` ħsieb spiċċa laqat lill-istanti Borg.

4. Bil-konsegwenza ta` dan l-inċident, u wara d-debiti aċċertamenti mediċi, irriżulta illi Josef Borg, sofra ġrieħi ta natura gravi u permanenti fuq il-persuna tiegħu, liema ġrieħi wasslu għal debiltita permanenti dan kif ser jiġi muri u pruvat fil-mori ta` din il-kawża (**Dok. Ċ`)**

5. Għalhekk, u b` riżultat ta` dan l-inċident, ir-rikorrenti Josef Borg ,sofra danni konsistenti fi spejjez mediċinali , b`kaġun tal-inċident data 7 ta` Lulju 2019 ( *dannum emergence*) , u danni konsistenti fi ħsara morali u psikologika, filwaqt li l-istanti rikorrenti,sofra danni konsistenti ukoll f` debilita funżjonali u permanenti fuq il-persuna tiegħu, debilita psikjatrika u permanenti fis-saħħa mentali tiegħu, u konsegwentament, telf ta` qliegħ attwali u future (*lucrum cessans*).

6. L-intimat injora is-sejħa tal-istanti biex in segwitu għall-inċident, jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta` danni sofferti mill-istess rikorrenti (**Dok.`D`).**

7. L-rikorrenti Josef Borg jaf personalment b`dawn il-fatti kollha.

<u>Raġuni tat -Talba</u>

1. Htija tal-intimat, in vista li l-esponenti Josef Borg sofra griegħi serji, gravi u permanenti fuq il-persuna tiegħu, riżultanti dawn f` danni konsistenti f` debilita funzjonali u permanenti, danni psikologiċi, danni psikjatriċi, danni morali telf ta` qligħ futur, u spejjez oħra.

2. Għalhekk kellhom jiġu dawn il-proċeduri.

<u>Talbiet:</u>
Jgħid għalhekk l-intimat, `l għaliex din l-Onorabbli Qorti m` għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara u tiddeċidi `illi l-intimat huwa responsabbli għad-danni u l-ispjjez sofferti mir-rikorrenti, kif spjegat, konsegwenza tal-inċident stradali li seħħ nhar is-7 ta` Lulju 2019;

2. Tillikwida, okkorrendo permezz ta` periti *nominandi,* id-danni u l-ispejjez sofferti mir-rikorrenti, konsistenti dawn id-danni fi spjjez inkorsi kaġun tal-inċident li seħħ fis-7 ta ` Lulju 2019, u danni konsistenti f` debilita funzjonali u permanenti fil-persuna tagħha, debilita psikjatrika u permanenti fis-saħħa mentali tagħha, u allura konsegwentement f` telf ta` qliegħ attwali u futur;

3. Tikkundanna lill-intimat, iħallas lir-rikorrent d-danni u l-ispejjez hekk likwidati, u dan flimkiem mal-imgħaxijiet legali dekorribbli skont il-liġi;

   Bl-ispejjez, inklużi dawk tal-ittra ġudizzjarja datata 17 ta` Diċembru 2020, (rif.4380/2020) kontra l-intimat li jinsab minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Hagen Azzopardi (il-konvenut) tas-7 ta' Jannar 2022 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament in-nullita` tar-rikors ġurmentat stante li jipprospetta żewġ azzjonijiet distinti u separati minn xulxin u għaldaqstant improponnibbli fl-istess kawża. Fil-fatt fil-premessi tiegħu, senjatament dik enumerata 2, ir-rikorrenti fl-istess nifs jissotometti illi d-danni minnu allegatment sofferti huma riżultat ta` att deilberat da parti tal-intimat intiżi sabiex jikkawżalu danni, u fl-istess waqt jsostni ukoll illi dan l-inċident seħħ minħabba nuqqas ta` dilgenza, ta` prudenza jew ta` ħsieb fis-sewqan tal-intimat, u li kien għalhekk li spiċċa intlaqgħat u allegament sofra danni;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu l-intimat jirrileva illi t -t-talbiet hekk kif dedotti mir-rikorrenti fil-konfronti tiegħu, huma f` kull kaz infondanti fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu**, u dan peress illi mhuwiex minnu illi l-esponenti huwa responsabbli għall-inċident de quo, u dan kif se jirriżulta aħjar fil-mori tal-kawża**;

3. Illi konsegwentament l-intimat ma jistax jiġi ddikjarat ħati għal dan l-inċident;

4. Illi għalhekk ma hemm ebda danni x` jiġu hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti, a favur tar-rikorrenti, u għalhekk isegwi illi r-rikorrenti intimat ma jistax jiġi kkundannat iħallas kwalunkwe danni li seta sofra r-rikorrenti attur;

5. Illi strettament mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimat jirrileva illi in ogni caso kien l-istess rikorrenti attur li pprovoka lill-esponenti intimat u lit-tfajla tiegħu, permezz ta` diversi messaġġi u telefonati, u dan kif ser jirriżulta mis-smiegħ tal-provi mressqa quddiem din l-Onorabbli Qorti;

6. Illi għalhekk strettament mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimat ma jistax jinstab responsabbli tal-inċident de qou;

7. Illi inoltre strettament mingħajr preġudizzju irrid jiġi ppruvat illi l-inċident de qou għandu konnessjoni ta` kawża u effett mad-danni sofferti mir-rikorrenti;

8. Illi mingħajr preġudizzju wkoll kwalunkwe danni pretizi qed jiġu kkontestati u jridu se mai jiġu ppruvati skont il-liġi;
9. Għaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrenti attur għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom, u dan bl-ispejjez kontra tiegħu.
10. Salv eċċezzjonijet ulterjuri permessibli skond il-liġi.

Rat li b'digriet tas-16 ta' Frar 2023 il-Qorti ammettiet lis-Soċjeta' Elmo Insurance Limited tintervjeni fil-Kawża in status et terminis.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet u qrat ix-xhieda tal-persuni mressqa fil-perkors tas-smiegħ ta' din il-Kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti.**

L-Attur kien involut f'inċident stradali meta ttajjar mill-konvenut li kien qiegħed isuq il-vettura HAG 029. Dan seħħ fis-7 ta' Lulju 2019 fi Triq Misraħ iż-Żagħżagħ Ħal-Luqa. B'konsegwenza ta' dan l-inċident il-konvenut tressaq il-Qorti kriminalment mentri li l-Attur sofra danni permanenti f'persuntu.

Jidher li l-kawża ta' dan kollu kien argument u diverbju bejn il-kontendenti kienet minħabba ċertu Britney Decelis, ex għarusa ta' l-Attur li bdiet relazzjoni mal-konvenut.

Għalhekk l-Attur qiegħed jagħmel din il-Kawża għad-danni.

**Punti ta' Liġi**

Fir-rikors promotur l-Attur jatribwixxi lill-konvenut għemil kemm volontarju u kif ukoll involontarju. L-artikoli tal-liġi rilevanti għall-każ huma 1031, 1032 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili. Kull persuna trid twieġeb għall-ħsara li ġġib lil ħaddieħor b'għemilha.

Fir-rigward ta' dawn l-artikoli ngħad li, meta l-att inissel danni extra-kontrattwali, b'konsegwenza ta' għemil delittwali u kolpuż, skont it-tagħlim ta' dawn il-Qrati "*Jekk il-kolpa tikkostitwixxi l element karatterizzanti ta' l-illeċitu, huma rikonoxxuti u aċċettati wkoll aspetti ta' responsabilita` speċjali in rigward għall-evitabilita` tal-ħsara.*" (ara **Sentenza tal-Prim Awla Qorti Ċivili per Imħallef Philip Sciberras tat-3 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Michael D'Amato pro et -vs- Filomena armla ta' Joseph Spiteri**).

B'din il-Kawża l-Attur qiegħed jipproponi l-azzjoni aquiliana u ċioe' l-azzjoni għar-rimedju ġenerali għar-risarċiment ta' danni kawżati b'għemil kolpuż. Għalhekk irid jiġi pprovat, u dan sta għall-Attur li jagħmel din il-prova, li jeżisti dak li jissejjaħ in-ness jew rabta tad-danni intrinsikament mal-għemil kolpuż tal-Konvenut (ara **Vol.XLI.I.800**). Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-fatt li "*Kif inhu sew magħruf id-dolo, flimkien mal-kolpa, hu indikat fl-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili bħala element soġġettiv ta' l-illeċitu u għalhekk iservi hu wkoll bħala kriterju ta' imputabilita` tar-responsabilita' ċivili.*" (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tas-7 ta' Frar 2007 fl-ismijiet Joseph Cassar et -vs- Lawrence Castagna et**).

**Konsiderazzjonijiet**

L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut hija fis-sens li ir-rikors huwa null minħabba li l-Attur jippremetti li d-danni huma kawżati minn rejat volontarju u banda oħra jirreferi għal għemil involontarju. Il-Qorti ma tilmah xejn li jista' jwassal għan-nullita f'dan kollu għaliex is-sors ġuridiku ta' l-azzjoni hija konfezzjonata fuq danni extra-kuntrattwali. Issa kemm jekk wieħed u kemm jekk l-ieħor dawn għandhom l-istess sors ta' azzjoni.

Ir-responsabbilita' għad-danni tirriżulta mir-rabta ġuridika jew nuqqas tagħha, u dan skond il-każ, li hemm bejn il-partijiet kontendenti. **Torrente** jagħti eżempju

ċar sabiex ikun jista' jagħraf id-distinzjoni bejn rabta kontrattwali li tagħti lok għar-responsabbilita' contrattuale u n-nuqqas ta' rabta kontrattwali li tagħti lok għar-responsabbilita' extra contrattuale:

"*Se io viaggio in tram, e, quindi, ho concluso un contratto di trasporto, e mi ferisco in un incidente, e' sufficente che io provi di essermi trovato nel tram e di essere stato ferito. Se, invece, mentre passo per la strada, sono investito dal tram, ho l'onere di provare non soltanto l'incidente, ma anche il dolo o la colpa del vettore o dei suoi agenti".* (**Torrente & Schlesinger 394 pg 639**)

Għalhekk din l-eċċezzjoni ser tkun miċħuda.

**Il-mertu**

Dan huwa każ, fejn seta' faċilment ikun evitat, kieku saltan is-sens komun. Kieku l-konvenut għaraf li jżomm il-kalma u ma jmurx għall-istedina li għamillu l-Attur u li kieku l-Attur għaraf li jieħu l-parir ta' dak li kellu bil-qegħda ħdejh, dan kollu kien ikun evitat. Iżda kultant il-pika u l-għaqal tat-tfal jagħmi lil dak li jkun biex iz-zalza tiġieh ogħla mill-ħuta.

Fir-rapport lill-Pulizija l-Attur jgħid li *"X'hin rajtu gej fit-triq Gianni Vassallo, Luqa jiena qsamt minn fejn il-klabb tal-bocci cioe' Triq Misrah iz-zgħazagħ Luqa x'hin rani zied il-gass tal-vettura tiegħu u kif rasni hu asarni ma' vettura li kienet ipparkjata fit-triq imesmmija"* F'xi ħin anke daqq il-ħorn biex javżah li wasal. Fl-affidavit tiegħu l-Attur jgħid li qasam it-triq biex imur ħdejn il-konvenut ħalli jurih il-mobile. Hagen saq għal fuqu u bl-impatt għaffġu ma karrozza oħra (a' fol 44). Skond l-Attur, il-konvenut ma ħass ebda rimors. Irriversja u saq 'l hemm. Wara l-konvenut ġie arrestat l-Imsida (a' fol 44).

Britney Decelis, it-trofew amoruż ta' din l-istorja, tgħid li l-konvenut qalilha li ma kinitx l-intenzjoni tiegħu li jolqtu iżda tela' biss biex ikellmu (a' fol 406). Skond ir-

rapport tal-Pulizija Britney qalet li l-Attur sfida lill-konvenut għall-ġlied u qallu "*Ejja Hal-Luqa għand Leli ha naqlalkom sninkom*" (Dan ikkonfermatu fix-xhieda tagħha fil-kawża kriminali kontra l-konvenut a' fol 405). Skond ir-rapport, Britney qalet li meta Hagen saq lejn Ħal-Luqa dan qal li Josef li jrid ikabbarhom. Din ġiet irraportata li qalet ukoll, li x'ħin waslu ħdejn il-klabb tal-boċċi ħareġ Josef jiġri għal quddiem il-karrozza u hemmhekk laqtu (a' fol 278 u 279 u ara wkoll xhieda tagħha fil-proċeduri kriminali a' fol 4).

Fix-xhieda tiegħu l-konvenut jixhed "*Imma għidt ha nitla' ha nara xi jrid jiena"* (a' fol 942 tergo). Meta l-Qorti baqgħet tistaqsi lill-konvenut x'fehem biha meta l-Attur qallu "*ejja bully"* fit-tweġiba tiegħu kien għal kollox evażiv (a' fol 944). Jgħid li fiċ-ċirkostanzi ma prevediex li jista' jinqala' inċident (a' fol 944 tergo). Il-Qorti ssibha diffiċli ħafna biex temmen li l-konvenut ma marx biex jiġġieled u li mar biex jitkellem bil-kalma. Ma tistax tara kif jista' jkun li dan huwa minnu meta mill-provi jirrisulta li qabel kiem hemm skambju ta' theddid u insulti. Biss biss kien hemm skambju ta' min minnhom huwa barri bl-akbar qrun. Il-konvenut irid lil din il-Qorti temmnu li kien kompost, kalm u jaf x'inhuwa jagħmel speċjalment meta ftit qabel l-Attur stieden lill-konvenut u qallu "... *ejja ha nurik l-affarijiet, min hu kurnut minni għal minnek. Ha nurik il-messaggi u ritratti li għandi magħha u li hadna l-bierah u stennejtu hdejn il-pitch tal-bocci"* (a' fol 511). Il-Qorti tista' tobsor x'kien hemm f'dawn ir-ritratti u ma hemm ebda dubbju li anke l-konvenut basar dan.

L-aktar xhud estraneju u li la għandu minn wieħed u lanqas mill-ieħor huwa George Debono li ra l-inċident kollu jseħħ quddiem għajnejh. Dan jgħid hekk: "*Josef qam minn bil-qegħda minn ma' gembi għax haseb li ha jinzel il-bankina u ha jkellmu, imma Hagen saq għal fuqu u tajru u baqa sejjer. Laqat zewg karrozzi*" (a' fol 81) In kontro eżami jagħti aktar dettalji meta jixhed li *"... flok waqaf Hagen*

*tah il-gass għal go fih. Tajru, qabzu minn fun il-bonnet in-naha l-ohra u għaffgu ma' karrozza n-naha ohra, ipparkjata"*. Jgħid li ra lill-konvenut iżid l-ispeed. Dan ta parir lill-Attur biex jibqa' bil-qegħda, iżda minflok qam u mar lejn il-konvenut bil-ħsieb li jurih dawn il-famużi ritratti. Dan ix-xhud jagħmel osservazzjoni fir-rigward tal-konvenut "*Heqq. Kellu l-intenzjoni tiegħu li jtajru hux. Għax preparat kien*" (Ibid). L-Ispettur Paul Camilleri jikkonferma dan (a' fol 282). L-Attur jixhed li "*Kif rajtu gej jiena minn dik in-naha qsamt minn din in-naha. Biex ma joqgħodx fin-nofs qsamt din in-naha u kif qsamt din in-naha u gie hu flok naqqas l-ispeed biex jipparkja, tah il-velocita' il-karrozza u faqani ma' karrozza ohra"* (a' fol 511). Meta mistoqsija dwar l-ispeed Britney Decelis li jidher ċar li bix-xhieda tagħha provat tbenġilha lill-konvenut qalet "*Ifhem ma nahsibx li kiem miexi fuq trikki trikki l-anqas*" (a' fol 919).

Għall-Qorti huwa ċar daqs il-kristall, li l-konvenut kien mgħaddab u sfidat. Konvinta li dan saq konsapevolment fuq l-Attur bil-konsegwenza li kkawżalu d-danni li qed jilmenta minnhom u li għalhekk għandu jwieġeb għalihom.

*<u>Id-danni</u>*

L-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili jistabilixxi x'tip ta' danni għandu jwieġeb għalihom il-persuna li tkun responsabbli għall-inċident li jkun ikkawża bi ħsara lil ħadd ieħor.

*<u>Damnum emergens</u>*

Sa fejn jirrigwarda telf attwali u ċioe' *damnum emergens* ma tantx hemm fhiex wieħed jitfixkel. Dawn jikkonsistu fil-ħsara ta' mobile fl-ammont ta' €250 u nfieq ta' mediċina (a' fol 51 sa 54). L-ammont kollu huwa ta' €790.16.

*<u>Lucrum cessans</u>*

L-artiklu 1045 fuq imsemmi jiddisponi hekk:

*“(1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta’ qabel, hija t-telf effettiv li lgħemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta’ qligħ li tbati ’l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, lidak l-għemil seta’ jġib:Kap. Iżda fil-każ ta’ danni li jkunu kawżati minn reat kriminali, li ma jkunx reat involontarju, u biss fil-każ ta’ delitti li jaffettwaw id-dinjità tal-persuni taħt it Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali u ta’ delitti volontarji kontra l-persuna li jkunu soġġetti għal piena ta’ mill-inqas tliet snin priġunerija taħt it-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-istess Kodiċi, sal-limitu massimu ta’ għaxart elef euro (€10,000) jew sa dak il limitu massimu kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista’ b’regolamenti jistabbilixxi kemm dwar l-ammont massimu kif ukoll dwar kif jiġi komputat skont il-każ, id-dannu li jrid jiġi riparat għandu jinkludi wkoll il-ħsara morali u, jew psikoloġika kkawżati li-rikorrent.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b’mod partikolari, ix-xorta u 9 grad ta’ inkapaċità ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara.”*

F’dan ir-rigward il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Evan Xuereb -vs- Vincent Spalding pro et tal-10 ta’ Lulju 2002 tal-Prim Awla** fir-rigward ta’ kif jiġu komputati u likwidati d-danni tagħmel użu mis-segwenti kriterji:

Li l-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta’ likwidazzjoni ta’ danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta’ debilita’ hija meqjusa b’mod globali, fuq kif u kemm l-Attur sejjer ikun affettwat ‘l quddiem fl-attivitajiet tiegħu u f’saħħtu. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li

għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita' dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba. Li, sabiex tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, sa fejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet. B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qiegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "*jippremjawha*" kumulattivament b'mod sempliċement matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed. Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "*partial wreck cases*", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident. Mr. Raymond Gatt sab li l-Attur kellu 15% diżabilita' (a' fol 23). Dr. Frederick Zammit Maemple, maħtur mill-Qorti stabilixxa diżabilita' ta' 7% (a' fol 931). Il-Qorti taqbel mal-fehma tat-tabib minnha maħtur.

Illi, qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-attur bħala kumpens, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi sejra tinbena. Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa.

Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the*

*plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases"* (Ara **Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law ,6th Edit, 1999, paġ. 128**).

Illi huwa stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara Sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi.

Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident, illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Fil-każ tal-lum l-Attur kellu 26 sena. Għalhekk il-Qorti trid taħdem fuq 39 sena.

Fis-**Sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012 il-Qorti** kellha dan xi tgħid:

"*Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in*

*kunsiderazzjoni c "chances and changes of life*", b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni. F'dan il-każ ma jirrisultax li l-Attur għandu xi kundizzjonijiet mediċi li jpoġġu fid-dubbju l-lonġevita' tal-ħajja ta' l-Attur.

Iżda l-figura użata għall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-**Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963** kienet qalet: "*f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegħ hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat.*"

Il-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-multiplier fuq imsemmi huwa ġust u li għandu jiġi kkalkulat sakemm l-Atturi jaslu għall-eta' pensjonabbli. Sa fejn jirrigwarda l-qliegħ ta' l-Attur, wara li analizzat id-dokumenti esebiti tikkonkludi li fir-rigward tal-Attur Josef Borg dak in-nhar tal-inċident ma kellu ebda impieg. Nafu li llum huwa impjegat ma' George Debobno pero ta' kemm huwa s-salarju tiegħu ma hemmx fl-atti. B'dan ma jfissirx li ma għandux ikun kumpensat iżda jfisser biss li l-Qorti ser tikkalkula l-imsemmi qliegħ fuq il-paga minima u din hija ta' €221.78 fil-ġimgħa.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-"lump sum payment". Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Il-fattur tad-dewmien għandu jirrifletti fit-tnaqqis ta' din il-lump sum payment.

Dawn il-Qrati għallmu wkoll li l-lump sum payment ta' 20% jitnaqqas meta jkun għadda żmien qasir mill-event damnuż u s-sentenza finali [ara **Scicluna vs Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001]. Fil-kawża tal-Prim Awla Caruana vs Camilleri PA 5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "*jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction*" – (ara **Agius vs Fenech 29 ta' Ottubru, 2003.**)

Fil-kawża tal-**Prim Awla Mizzi vs Azzopardi tas-16 ta' Diċembru 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi **Spiteri vs Zammit Tabona App Ċiv Sup 16-Mar-1999 u Caruana A vs Camilleri O App Ċiv Sup 27 ta' Frar 2004,** minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fil-kawża **Galea vs Piscopo PA 3-Ott-2003, 5% f'Scicluna vs Meilaq PA 16-Lul-2001** u 0% fil-kawżi **Turner vs Agius App Ċiv Sup 28-Nov-2003, Bonnici vs Gauci PA 15-Sett-1999** meta għaddew 15 -il sena, **f'Zammit vs Zahra PA 20-Jan-2005** meta għaddew 17 -il sena, u **Schembri vs Caruana Kum 20-Apr-1990** meta għaddew 19 -il sena. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti tħoss li l-lump sum payment ai fini ta' kalkolu ta' danni għandu jkun ta' 18%. Dan ifisser li jkun xieraq ukoll li jittieħed kont tar-rati ta' inflazzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-aspett ta' kif l-inflazzjoni fuq il-ħajja għandhom jiġu likwidati d-danni ma jiddependix fuq jekk il-kawża damitx minħabba l-aġir tal-Konvenut fil-kawża. L-inflazzjoni ma ġġibx biss żieda fil-prezzijiet, iżda anke fil-pagi. Għalhekk, indipendentement minn x'kienet il-kawża għad-dewmien, inġust li kieku din il-Qorti ma tipprovdix sabiex id-danni mogħtija jkunu jirriflettu dan it-tibdil radikali fiċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-partijiet. Li kieku l-Qorti ma tagħmilx hekk, ikun ifisser,

li filwaqt il-Konvenut ikun gawda minn salarju li jkun żdied fil-mori tal-kawża b'konsegwenza taż-żieda tal-prezzijiet, meta l-Attur ma hu ser jibbenefika xejn minn dan kollu. Biżżejjed jingħad li minn dak in-nhar tal-inċident sallum il-paga minima ma żdiditx b'mod negliġibbli.

Il-Qorti trid tfakkar, li sakemm ikun umanament possibbli, il-vittma għandha titqiegħed fl-istat finanzjarju li kienet tkun fih illum li kieku ma seħħx l-inċident inkwistjoni. Għalhekk il-Qorti wara li ħadet kont tar-rati ta' inflazzjoni, f'dan ir-rigward tapplika l-prinċipju tal-ġustizzja ekwitattiva, għalkemm din trid tinżamm dejjem fil-qafas ta' dak li jiddisponu l-artikoli 1135 u 1045 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta (**Margaret Camilleri et -vs- The Cargo Handling Co Ltd deċiża fit-13 ta' Ottubru, 2004**). Sa fejn jirrigwarda dan il-prinċipju l-Qrati dejjem irritenew, li ma jistax ikun ddubitat, li l-ġudikant għandu l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qliegħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwittattiva. F'deċiżjoni li tinsab **f'Vol. XXXV P. III p.615** tal-Kollezzjonijiet tad Deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati, ġie segwit l-insenjament tal-Qorti Taljana ta' Cassazzioni li "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e' rimesso al Magistrato il-valutare 'ex aequo et bono' second i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato".*

Ovvjament, il-likwidazzjoni ta' danni abbażi ta' dan il-prinċipju, mhux faċli li jkun ekwivalenti għal-likwidazzjoni ta' danni ben stradati fuq provi proċesswali li jwasslu għall-komputazzjoni matematika, li solitalment jirrikorru għaliha dawn il-Qrati ai fini ta' kalkolu preċiż fuq formuli żviluppati maż-żmien bis-saħħa ta' sentenzi fuq il-materja. Għalhekk ser ikun likwidat bħala danni b'ammont ieħor, rappresentanti ċirca 7% rata ta' inflazzjoni.

Il-Qorti hija konvinta li l-għemil tal-konvenut kien wieħed volontarju tant li fil-proċess kriminali ġie addebitat dan ir-rejat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (a' fol 16). Għalhekk tenut kont iċ-ċirkostanzi tal-każ din il-Qorti hija tal-fehma li għandu jkun applikat il-proviso tad-danni morali skond l-artikolu 1045 peress li dan huwa wieħed minn daw ir-rejati kontemplati fl-istess artikolu; Dan ifisser li mas-somma ta' danni li ser tkun qed tillikwida din il-Qorti ser tkun ukoll qed tagħti €3000 bħala danni morali kif ingħad.

*Likwidazzjoni tad-danni*

€221.78 x 12 = €2661.36 (salarju ta' sena) x 39 (snin sal-penzjoni) = €103,793 – 18% (lump sum payment) = €85,111 of 7% (perċentwal diżabilita') = €5958e + 6% (inflazzjoni) = €6316 + €3000 (danni morali) = €9316 + €790.16 = €**10,106.**

**Deċide**

Għaldaqstant il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi.**

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** u tillikwida d-danni sofferti mill-Attur fl-ammont ta' għaxart elef mija u sitt ewro (10,106e).

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tordna u tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma kif likwidata bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

Fir-rigward tas-Soċjeta' Elmo Insurance Limited bħala intervenjenti fil-kawża din la tista' tkun ikkundannata u l-anqas illiberata mill-ġudizzju għalhekk ma hemm xejn x'jista' jkun osservat jew tipprovdi fil-konfront tagħha.

Spejjes tal-kawża inklużi dawk tas-Soċjeta' inkwistjoni għall-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**